MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2668/2002

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**George Muscat u Adrian Gouder**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-Awtorita talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu Lm258.69c (mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u sittin centezmu) rappresentanti spejjez li kellha thallas l-istess Awtorita sabiex tiehu dawk il-passi kollha necessarji skond il-ligi in konnessjoni ma' bini ta' kjosk minghajr permess.

Ra li l-Kummissarju tal-Artijiet l-ewwel ippresenta zewg eccezzjonijiet li sussegwentement gew irtirati u fil-mori tal-kawza eccepixxa li "l-ispejjez li dahlet fihom l-Awtorita attrici hija unikament tal-konvenut l-iehor George Muscat stante li l-istruttura saret minnu minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Artijiet.

George Muscat baqa' kontumaci.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Il-fatti kif spjegati mill-Awtorita attrici ma gewx kontestati.

Anthony Deguara Assistant Kummissarju tal-Artijiet qal li ghalkemm George Muscat kellu permess biex ipoggi kjosk izda tali permess ma jesentax lill-istess George Muscat milli jottjeni l-permessi necessarji skond il-ligi.

Ghalhekk it-talba attrici fil-konfront tal-Kummissarju tal-Artijiet ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

It-talba attrici fil-konfront ta' George Muscat qed tigi milqugha billi jirrisulta dak allegat mill-istess Awtorita.

Ghaldaqstant, jikkundanna lill-George Muscat biex ihallas lill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar is-somma ta' Lm258.69c (mitejn u tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u sittin centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-Avviz (19 ta' Novembru, 2002) u bl-ispejjez hlief ghal dawk diga decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------